

Programm ta' Ħidma – Punti Ewlenin għall-2015



Fl-2015, il-fokus tal-ECHA jibqa' fuq l-użu sikur tas-sustanzi kimiċi permezz tal-implimentazzjoni tal-erba' objettivi strateġiċi tagħha.

Fost il-bosta attivitajiet tagħha, l-Aġenzija tieħu passi importanti biex ittejjeb il-faċilità tal-użu tal-għodod tagħha qabel l-iskadenza għar-reġistrazzjoni tal-2018 u tarmonizza l-proċessi tal-awtorizzazzjoni u dawk relatati mal-bijoċidi.

ERBA' OBJETTIVI STRATEĠIĊI

- 1 Tiġi mmassimizzata d-disponibbiltà ta' informazzjoni ta' kwalità għolja biex ikun hemm manifattura u użu sikur tas-sustanzi kimiċi
- 2 Jiġu mmobilizzati l-awtoritajiet biex jużaw l-informazzjoni b'mod intelliġenti biex jiġu identifikati u indirizzati s-sustanzi kimiċi ta' tħassib
- 3 Jiġu indirizzati l-isfidi xjentifiċi billi sservei bħala ċentru għall-bini tal-kapaċità xjentifika u regolatorja tal-Istati Membri, l-istituzzjonijiet Ewropej u atturi oħra
- 4 Jitħaddnu l-kompiti leġiżlattivi attwali u ġodda b'mod effiċjenti u effettiv, filwaqt li jkun hemm adattament għal-limitazzjonijiet ta' riżorsi fil-futur

1 Tiġi mmassimizzata d-disponibbiltà ta' informazzjoni ta' kwalità għolja biex ikun hemm manifattura u użu sikur tas-sustanzi kimiċi

Is-sena 2015 hija kruċjali għall-preparazzjoni tal-ECHA għall-aħħar skadenza tar-reġistrazzjoni ta' REACH. Sal-2018, il-kumpaniji li jimmanifatturaw jew jimportaw sustanzi kimiċi ta' tunnellata jew aktar fis-sena, ser ikollhom ikunu rreġistraw is-sustanzi tagħhom. Fost ir-reġistranti, ser ikun hemm ħafna intrapriżi żgħira u medji li ma għandhomx esperjenza b'REACH. L-appoġġ ipprovdut mill-ECHA ser isir saħansitra aktar essenzjali biex dawn il-kumpaniji jkunu jistgħu jipprovdut data ta' kwalità għolja dwar is-sustanzi fir-reġistrazzjonijiet tagħhom. Dan l-appoġġ jinkludi għodod tal-IT riveduti għall-preparazzjoni u l-preżentazzjoni tad-dossiers, kif ukoll dokumenti ta' gwida u kontenut tal-web aġġornat.

Biex tilħaq il-kumpaniji li għadhom mhumiex konxji dwar l-obbligi tagħhom skont il-leġiżlazzjoni tas-sustanzi kimiċi tal-UE, l-ECHA tikkooopera mal-Istati Membri, il-partijiet interessati akkreditati u netwerks Ewropej oħrajn. Kull meta jkun possibbli, din il-kollaborazzjoni twassal għal appoġġ speċifiku għas-settur.

L-ECHA tevalwa l-kwalità tal-informazzjoni fid-dossiers tar-reġistrazzjoni billi twettaq verifiki tal-konformità. Meta tagħmel dan, tiffoka fuq is-sustanzi u l-end-points li huma l-aktar importanti għas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent.

Biex iċ-ċittadini jkunu jistgħu jiksibu informazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi, l-ECHA tippubblika informazzjoni mhux kunfidenzjali mid-dossiers ta' reġistrazzjoni fuq il-websajt tagħha. FI-2015, l-Aġenzija qiegħda twettaq proġett ewlieni biex ittejjeb il-faċilità tal-utent tal-pjattaforma u ser tippubblika informazzjoni dwar is-sustanzi f'format kompletament ġdid. Din tinkludi l-proprjetajiet intrinżiċi, il-perikli, l-użi u l-istatus regolatorju tas-sustanzi kimiċi f'format aċċessibbli faċilment.

2 Jiġu mmobilizzati l-awtoritajiet biex jużaw l-informazzjoni b'mod intelliġenti biex jiġu identifikati u indirizzati s-sustanzi kimiċi ta' tħassib

L-ECHA u l-awtoritajiet tal-Istati Membri jiċċekkjaw iil-bażijiet ta' data tal-ECHA u jidentifikaw is-sustanzi kimiċi perikolużi li jeħtieġu ġestjoni tar-riskju addizzjonali. FI-2015, dawn l-attivitajiet qiegħdin iwasslu għal aktar analiżijiet tal-għażliet ta' ġestjoni tar-riskju u proposti sussegwenti għal restrizzjonijiet, awtorizzazzjoni jew klassifikazzjoni u tikkettar armonizzat tas-sustanzi kimiċi perikolużi. In-numru ta' sustanzi ta' tħassib serju ħafna mressqa għal-Lista ta' Kandidati għal awtorizzazzjoni huwa mistenni li

jiżdied, f'konformità mal-mira tal-2020 li kull sustanza ta' tħassib serju ħafna tkun fil-lista.

L-Istati Membri jevalwaw is-sustanzi li għandhom tħassib potenzjali dwarhom. Wara l-ewwel tliet snin ta' evalwazzjoni tas-sustanzi, l-ECHA ser tivvaluta l-proċess, l-eżiti tiegħu u kif l-evalwazzjoni tas-sustanza tikkontribwixxi għall-ġestjoni tar-riskju u t-titjib tal-kwalità tad-data. Approċċ ta' skrinjar komuni ser jgħin lill-Istati Membri jagħżlu s-sustanzi għal ġestjoni tar-riskju effikaċi fil-livell tal-UE.

Għall-2015, huwa mistenni numru kbir ta' applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni biex tintuża sustanza perikoluża speċifika. Dawn ser jiġu vvalutati mill-ECHA u mill-Kumitati xjentifiċi tagħha.

Stimi għall-2015

Tiġi mmassimizzata d-disponibbiltà ta' data ta' kwalità għolja

Dossiers ta' reġistrazzjoni ppreżentati	5 700
Domandi (relatati mar-reġistrazzjoni)	1 400
Talbiet għal isem alternattiv	150
Notifikati għall-PPORD (Riċerka u żvilupp orjentati lejn prodotti u proċessi)	400
Deċiżjonijiet ta' verifika tal-konformità	120
Deċiżjonijiet dwar proposti ta' ttestjar	180
Eżaminazzjonijiet ta' segwitu għall-evalwazzjoni tad-dossiers	400

Jiġu mmobilizzati l-awtoritajiet biex jiġu identifikati u indirizzati s-sustanzi kimiċi ta' tħassib

Sustanzi li għandhom jiġu evalwati mill-Istati Membri	55
Deċiżjonijiet ta' valutazzjoni tas-sustanzi	40
Proposti ta' restrizzjoni	9
Sustanzi ta' tħassib serju ħafna - proposti ta' identifikazzjoni	50
Proposti għal klassifikazzjoni u tikkettar armonizzati	60
Applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni	70

3 Jiġu indirizzati l-isfidi xjentifiċi billi sservi bħala ċentru għall-bini tal-kapaċità xjentifika u regolatorja tal-Istati Membri, l-istituzzjonijiet Ewropej u atturi oħra

L-ECHA tiżviluppa l-kapaċità xjentifika tagħha f'konformità mal-istrateġija xjentifika tagħha, filwaqt li tindika l-oqsma l-aktar importanti mill-perspettiva tat-teħid ta' deċiżjonijiet regolatorji.

Meta fl-2015, il-Kummissjoni Ewropea tadatta r-rekwiżiti ta' informazzjoni ta' REACH biex jitqiesu aħjar l-aspetti speċifiċi tan-nanomaterjali, l-ECHA ser taġġorna l-gwida speċifika tagħha u żżid l-attivitajiet tagħha biex ittejjeb il-kwalità tad-data ta' reġistrazzjoni għan-nanomaterjali. L-Aġenzija tkompli tikkontribwixxi biex tiżviluppa metodi ta' ttestjar u valutazzjoni tas-sustanzi kimiċi perikolużi. Dan jinkludi ħidma fuq metodi alternattivi għall-ittestjar fuq l-annimali.



4 Jiġihaddnu l-kompiti leġiżlattivi attwali u ġodda b'mod effiċjenti u effettiv, filwaqt li jkun hemm adattament għal-limitazzjonijiet ta' riżorsi fil-futur

Biex tilħaq il-miri ambizzjużi tagħha bi tnaqqis fir-riżorsi umani, l-ECHA ser ittejjeb aktar l-effiċjenza tagħha. Fl-2015, l-Aġenzija ser tinvesti wkoll fis-sistemi tal-IT biex jaqdu aħjar kemm l-industrija kif ukoll l-Istati Membri, iżda anki biex ittejjeb il-proċessi interni tagħha.

Fir-rigward tar-Regolament dwar il-Prodotti Bijoċidali, il-prijoritajiet tal-ECHA fl-2015 huma t-tnejn tad-deċiżjonijiet u l-appoġġ għall-programm ta' reviżjoni tas-sustanzi attivi. Madankollu, hemm inċertezza konsiderevoli fir-rigward tal-volum ta' applikazzjonijiet u d-dħul mit-tariffi relatati. L-użu tar-riżorsi ser ikun f'konformità mal-ammont ta' xogħol reali.

Stimi għall-2015

Bijoċidi

Sustanzi attivi li għandhom jiġu vvalutati	50
Applikazzjonijiet għal Awtorizzazzjoni tal-Unjoni	12
Applikazzjonijiet għal fornituri ta' sustanzi attivi	150
Applikazzjonijiet għal ekwivalenza teknika u similarità kimika	30

PIC


Notifiki ta' PIC	4 000
------------------	-------

Oħrajn

Helpdesk, mistoqsijiet ġenerali u mill-midja	7 100
Verifiki tad-daqs tal-kumpanija	400
Appelli ppreżentati	23

ĊART TAL-ORGANIZZAZZJONI MINN FRAR 2015

- Korpi ECHA
- Direttur Eżekuttiv
- Direttorat
- Unità
- Persunal



DAQQA T'GĦAJN LEJN L-ECHA

- Madwar 600 impjegat mill-biċċa l-kbira tal-pajjiżi tal-UE
- 4 kumitati xjentifiċi b'esperti minn 28 Stat Membru tal-UE u 2 Stati taż-ŻEE
- Forum tal-awtoritajiet nazzjonali tal-infurzar
- baġit ta' € 115 miljun għall-2015



Programm ta' Ħidma għall-2015
echa.europa.eu/mt/publications

